



Brussell, 30 ta' Jannar 2026  
(OR. fr)

5724/26

MAMA 20  
MA 2  
MED 8

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-15-il Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE- Marokk (Brussell, 29 ta' Jannar 2026)

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-15-il Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk.

**IL-ĦMISTAX-IL LAQGĦA TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-MAROKK**

**(BRUSSELL, 29 TA' JANNAR 2026)**

**Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea**

1. L-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem l-UE) tilqa' l-organizzazzjoni ta' din il-15-il laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, li tikkommemora t-30 sena mill-iffirmar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Renju tal-Marokk (minn hawn 'il quddiem "il-Marokk"). Din il-laqgħa hija opportunità biex tiġi affermata mill-ġdid ix-xewqa konġunta li s-sħubija titnieda mill-ġdid u tiġi approfondita b'mod aktar ambizzjuż, abbażi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.
2. Il-Marokk huwa sieħeb ewlieni u strateġiku tal-UE fil-Viċinat tan-Nofsinhar tagħha, li miegħu l-UE għandha relazzjoni rikka, multidimensjonali u privileġġata. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2024, l-UE tafferma mill-ġdid il-valur kbir li tagħti lis-sħubija strateġika tagħha mal-Marokk u l-ħtieġa li jiġu ppreservati u msaħħa aktar ir-relazzjonijiet mill-qrib mal-Marokk fl-oqsma kollha tas-sħubija. F'dan ir-rigward, l-UE biħsiebha ssaħħaħ din il-kooperazzjoni billi tadotta l-prijoritajiet tas-sħubija, jew test ekwivalenti, bħala dokument qafas għas-sħubija bejn l-UE u l-Marokk. L-UE tixtieq ukoll tintensifika djalogu regolari u strutturat mal-Marokk, inkluż dwar kwistjonijiet reġjonali u internazzjonali, bl-użu sħiħ tal-entitajiet tas-sħubija, b'mod partikolari l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u s-sottokumitati.
3. L-UE tinnota li s-sħubija bejn l-UE u l-Marokk hija qafas kruċjali biex l-isfidi globali jiġu indirizzati b'mod konġunt. F'dan il-kuntest, jibqa' essenzjali li l-UE u l-Marokk jafferma mill-ġdid l-impenn komuni tagħhom għal ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, multilateraliżmu effettiv, ir-rwol tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Karta tagħha, kif ukoll ir-rispett għad-dritt internazzjonali, filwaqt li japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom f'fora internazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari fiż-żona Ewro-Mediterranja, u mas-sħab Afrikani tagħhom.
4. Rigward is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani, l-UE tfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2025 fl-intier tagħhom u tilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 2803 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-istabbiliment tal-Bord ta' Paċi u ta' forza internazzjonali temporanja ta' stabbilizzazzjoni, kif previst fil-Pjan Komprensiv biex Jintemm il-Kunflitt f'Gaza. L-UE tappella lill-partijiet kollha jimplementaw din ir-Riżoluzzjoni fl-intier tagħha, u f'konformità mal-prinċipji politiċi u legali internazzjonali rilevanti. L-UE tfakkar fil-ħtieġa li tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni tas-sigurtà f'Gaza, inkluż billi jiġi żgurat id-dekummissjonar definittiv tal-armi tal-Ħamas u ta' gruppi armati mhux statali oħra. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-Awtorità Palestinjana u l-aġenda ta' riforma li għandha għaddejjja b'mod partikolari permezz tal-Grupp ta' Donaturi għall-Palestina, bil-ħsieb tar-ritorn tagħha f'Gaza. L-UE tfakkar fid-Dikjarazzjoni ta' New York u tafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tagħha għad-dritt internazzjonali u għal paċi komprensiva, ġusta u dejiema bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ

stati, f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fejn żewġ stati demokratiċi, Iżrael u l-Palestina, jgħixu maġenb xulxin fil-paċi fi ħdan fruntieri siguri u rikonoxxuti. L-UE tinnota l-konverġenza tal-fehmiet mal-Marokk, b'mod partikolari favur is-soluzzjoni ta' żewġ stati, u tilqa' b'sodisfazzjon l-organizzazzjoni mill-Marokk tal-ħames laqgħa tal-Alleanza Globali għall-implimentazzjoni tas-soluzzjoni ta' żewġ stati, li saret f'Rabat f'Mejju 2025, fi sħubija man-Netherlands. L-UE tikkundanna bil-qawwa ż-żieda massiva fil-vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti kontra ċ-ċivili Palestinjani, inkluż il-vjolenza kontra l-komunitajiet Insara, kif ukoll il-politiki u t-theddid ta' spostament bil-forza u ta' annessjoni, fix-Xatt tal-Punent, inkluż f'Ġerusalemm tal-Lvant. L-UE tikkundanna wkoll bil-qawwa l-attakki terroristiċi kontinwi kontra Iżrael. L-UE tisħaq fuq il-ħtieġa tat-twassil rapidu, sikur u mingħajr xkiel ta' għajnuma umanitarja fuq skala kbira, u tad-distribuzzjoni sostnuta tagħha f'Gaża kollha, inkluż permezz tal-Kuritur Marittimu ta' Ċipru biex jiġu ssupplimentati r-rotot fuq l-art, f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali, u tenfasizza wkoll il-ħtieġa li n-NU u l-aġenziji tagħha, kif ukoll l-organizzazzjonijiet umanitarji, ikunu jistgħu jaħdmu b'mod indipendenti u imparzjali.

5. Kważi erba' snin wara li r-Russja bdiet il-gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata tagħha fuq skala sħiħa kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur serju tad-dritt internazzjonali, inkluż ir-regoli u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u li qed iddgħajjef is-sigurtà u l-istabbiltà globali u tikkawża tbatija indeskrivibbli lill-poplu tal-Ukrajna, l-UE tafferma mill-ġdid l-appoġġ kontinwu u sod tagħha għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. L-UE tappella lill-Marokk jappoġġa lill-Ukrajna biex tintlaħaq paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna, ibbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt internazzjonali.
6. L-UE hija impenjata li tagħmel is-sħubija bejn l-UE u l-Marokk fattur ta' stabbiltà u prosperità reġjonali għaż-żewġ sħab. L-UE tissottolinja l-potenzjal tal-kooperazzjoni reġjonali biex jitrawmu t-tkabbir u l-prosperità fil-Magreb, skont l-oġettivi tal-Patt għall-Mediterran. F'dan ir-rigward, l-UE tqis li s-soluzzjoni tat-tilwim u t-tensjonijiet li jaffetwaw ir-reġjun tal-Magreb tkun fattur deċiżiv biex jissaħħaħ dan il-momentum u jinħoloq ambjent li jwassal għall-iżvilupp ta' sħubijiet.
7. L-UE ttenni l-impenn tagħha għas-soluzzjoni tat-tilwima tas-Saħara tal-Punent u tilqa' l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 2797 (2025) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, li tappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali u tal-Mibgħut Personali tiegħu biex jiffaċilitaw u jmexxu n-negozjati abbażi tal-pjan ta' awtonomija propost mill-Marokk biex tinkiseb soluzzjoni ġusta, dejjiema u reċiprokament aċċettabbli għat-tilwima, f'konformità mal-Karta tan-NU, u ser tilqa' kwalunkwe suġġeriment kostruttiv li l-partijiet jistgħu jagħmlu b'rispons għall-pjan ta' awtonomija, u li jappella lill-partijiet jipparteċipaw fid-diskussjonijiet mingħajr ebda prekondizzjoni u abbażi tal-pjan ta' awtonomija propost mill-Marokk sabiex tintlaħaq soluzzjoni politika definittiva u reċiprokament aċċettabbli li tiżgura l-awtodeterminazzjoni tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, tqis li awtonomija ġenwina tista' tkun waħda mill-aktar soluzzjonijiet fattibbli u tħeġġeġ lill-partijiet jaqsmu l-ideat tagħhom b'appoġġ għal soluzzjoni definittiva reċiprokament aċċettabbli. F'dan il-kuntest, l-UE tilqa' r-rieda tal-Marokk li jimpenja ruħu in bona fede mal-partijiet kollha kkonċernati sabiex jiċċara il-modalitajiet ta' dan il-pjan ta' awtonomija u kif tista' tkun awtonomija fil-kuntest tas-sovranià Marokkina. L-UE tinsab lesta li tgħin biex jiġu ffaċilitati l-konsultazzjonijiet bejn il-partijiet fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti u li tappoġġa l-isforzi tal-

Mibgħut Personali tas-Segretarju Ġenerali.

8. L-UE tilqa' l-approvazzjoni tal-approċċ il-ġdid tal-UE għas-Saħel fl-20 ta' Novembru 2025, li jikkonferma li d-diżimpenn mhuwiex għażla, jipproponi approċċ flessibbli mfassal apposta għal kull pajjiż, jibni fuq viżjoni fit-tul ibbażata fuq interessi reċiproċi identifikati permezz ta' analiżi u djalogu, u jimmira għal użu aġli tas-sett ta' għodod tal-UE li għandu l-għeruw tiegħu fir-realtajiet lokali. F'dan il-kuntest, l-UE tinsab lesta tesplora u tiżviluppa sinerġiji mas-sħab tagħha fir-reġjun, bħall-Marokk, li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' dan l-approċċ il-ġdid fis-Saħel.
9. L-UE tilqa' l-Patt għall-Mediterran inniedi f'Barcellona fit-28 ta' Novembru 2025, li jirrifletti l-ambizzjoni strateġika li jiġu definiti mill-ġdid ir-relazzjonijiet bejn l-UE u s-sħab tan-Nofsinhar tagħha. Billi jappoġġa ż-żona komuni tal-Mediterran, il-Patt għandu l-għan li joħloq opportunitajiet ġodda għal kooperazzjoni bejn is-sħab Mediterranji, jindirizza l-isfidi komuni u jimxi flimkien lejn sħubija bbażata fuq il-fiduċja u r-rispett reċiproċi, ir-responsabbiltà kondiviża u l-iżvilupp kollettiv. L-UE tixtieq tapprofondixxi l-kooperazzjoni tagħha mal-Marokk, fi spirtu ta' sħubija msejsa fuq il-fiduċja reċiproka u r-responsabbiltà kondiviża, permezz ta' inizjattivi konkreti u azzjonijiet ta' prijorità f'oqsma ta' interess komuni biex jinkisbu riżultati konkreti għaċ-ċittadini ta' kull età, għan-negozji u għall-intraprendituri.
10. L-UE tapprezza r-rwol kostruttiv tal-Marokk fil-qafas tal-inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali, b'mod partikolari fuq il-pjattaformi reġjonali fejn iż-żewġ partijiet huma parteċipanti attivi, bħall-Unjoni għall-Mediterran u l-Fondazzjoni Anna Lindh.
11. Il-Marokk jibqa' wieħed mis-sħab ewlenin u wieħed mill-akbar benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE fir-reġjun tal-Afrika ta' Fuq u tal-Lvant Nofsani. Il-kooperazzjoni tal-UE mal-Marokk tkopri varjetà ta' oqsma li jwasslu għal żvilupp soċjoekonomiku inklużiv u sostenibbli, kif ukoll klima tan-negozju li tiffavorixxi l-investment, it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali ġusti u l-appoġġ għall-iżvilupp tal-kapital uman.

### ***Demokrazija, governanza tajba u drittijiet tal-bniedem***

12. L-UE tissottolinja l-prinċipji bażiċi u ta' gwida tas-sħubija bejn l-UE u l-Marokk u tafferma mill-ġdid ir-rieda tagħha li ssaħħa id-djalogu u l-kooperazzjoni f'dawn l-oqsma: id-demokrazija, l-Istat tad-Dritt, il-governanza tajba, il-ġustizzja, ir-responsabbiltà u t-trasparenza tal-istituzzjonijiet, kif ukoll il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari l-libertà ta' għaqda, il-libertà ta' espressjoni, inkluż tal-istampa, il-libertà ta' assoċjazzjoni, id-drittijiet tan-nisa, tat-tfal u tal-persuni LGBTI, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra kull diskors ta' mibegħda, l-intolleranza, l-istigmatizzazzjoni u d-diskriminazzjoni. L-UE tissottolinja wkoll l-importanza tal-protezzjoni tad-data personali u d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata.

13. L-UE tafterma mill-ġdid il-konvinzjoni tagħha li d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż il-libertà ta' espressjoni, il-libertà ta' għaqda u l-libertà ta' assoċjazzjoni, kif ukoll il-preservazzjoni ta' spazju ċiviku miftuħ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti u l-atturi kollha fil-ħajja pubblika, jikkostitwixxu valur miżjud essenzjali għall-Marokk u l-popolazzjoni kollha tiegħu. L-UE tixtieq tindirizza l-ħafna aspetti ta' din is-sħubija permezz ta' relazzjonijiet imsaħħa mal-awtoritajiet Marokkini, iżda wkoll permezz ta' djalogu kontinwu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari s-settur tal-volontarjat, u s-sħab soċjali. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-Marokk fl-implimentazzjoni tar-riformi f'dawn l-oqsma, inkluż dawk li jippromwovu d-drittijiet tan-nisa.
14. F'dan ir-rigward, l-UE tagħti importanza partikolari għal li jinżamm djalogu regolari u fil-fond dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari fil-qafas tas-sottokumitat rilevanti, li huwa forum ewlieni għall-iskambju, il-monitoraġġ u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni.
15. L-UE ttenni l-oppożizzjoni soda u inekwivoka tagħha għall-piena tal-mewt fiċ-ċirkostanzi kollha u fil-każijiet kollha. L-UE tilqa' d-deċiżjoni tal-Marokk li jivvota, għall-ewwel darba, favur ir-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt f'Diċembru 2024 u r-riżoluzzjoni tas-60 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-kwistjoni tal-piena tal-mewt f'Ottubru 2025. L-UE tilqa' l-pożizzjoni tal-Marokk, li hija konsistenti mar-rispett tiegħu għal moratorju de facto fuq l-eżekuzzjonijiet mill-1993 u thegħgu jqarreb lejn l-abolizzjoni billi jifformalizza dan il-moratorju u jnaqqas ir-reati punibbli b'din il-piena.
16. L-UE tilqa' r-rwol attiv tal-Marokk fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tielet parteċipazzjoni tiegħu fil-ħidma tiegħu bħala membru tal-Kunsill għall-perjodu 2023-2025. Fl-2024, ir-Rappreżentant Permanenti tar-Renju tal-Marokk għan-Nazzjonijiet Uniti f'Ġinevra ġie elett bħala l-President, u dan juri l-impenn tal-Marokk għad-djalogu multilaterali u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fuq ix-xena internazzjonali. L-UE thegħgeġ lill-Marokk ikompli dan l-impenn billi jkompli wkoll bl-isforzi nazzjonali tiegħu favur id-drittijiet tal-bniedem.

### *Żvilupp soċjoekonomiku inklużiv u sostenibbli*

17. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni<sup>1</sup>, flimkien mar-riformi ambizzjużi tal-Marokk fl-ambjent tan-negozju, ippermetta li l-kummerċ bejn il-partijiet jiffjorixxi malajr u ppermetta lill-Marokk jikseb integrazzjoni ekonomika u jiddiversifika l-esportazzjonijiet tiegħu lejn l-UE. L-UE tissottolinja l-importanza li jitkomplew jissaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investment u li jinżamm

---

<sup>1</sup> Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra

kummerċ miftuħ bejn iż-żewġ partijiet, kif ukoll ir-rispett għall-qafas kummerċjali multilaterali u l-appoġġ għalih, b'mod partikolari fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

18. L-UE tafferma mill-ġdid il-konvinzjoni tagħha li d-dimensjoni ekonomika u kummerċjali tar-relazzjoni mal-Marokk għandha tiġi appoġġata u msaħħa aktar, skont approċċ li huwa ta' benefiċċju reċiproku u konsistenti mal-prijoritajiet rispettivi taż-żewġ partijiet. L-UE tenfasizza l-ħtieġa li jinżamm djalogu regolari u fil-fond dwar il-kwistjonijiet ekonomiċi, kummerċjali u ta' investiment, b'mod partikolari fi ħdan il-qafas istituzzjonali stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, sabiex tiġi promossa l-fluwidità tal-iskambju ta' prodotti u servizzi u biex jiġu identifikati malajr kemm jista' jkun id-diffikultajiet li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bilaterali u jiġu ttrattati b'mod prammatiku.
19. Sabiex tippromwovi prosperità kondiviża, l-UE tixtieq itteni r-rieda tagħha li tinvolvi ruħha f'diskussjoni fil-fond dwar modernizzazzjoni aktar ġenerali tar-relazzjonijiet kummerċjali tagħna fil-qafas tal-iżvilupp tas-sħubija strateġika mal-Marokk. Tali modernizzazzjoni tista' tinkiseb b'mod flessibbli u mmirat, skont approċċ ta' benefiċċju reċiproku, inkluż bl-implimentazzjoni ta' miżuri li jiffaċilitaw l-investimenti strateġiċi. L-UE hija miftuħa wkoll għal proposti mill-Marokk rigward elementi possibbli ta' modernizzazzjoni li għandhom jiġu esplorati flimkien. Din id-dinamika tapplika wkoll għall-organizzazzjoni konġunta tat-Tazza tad-Dinja tal-2030 mill-Marokk, Spanja u l-Portugall.
20. Fl-istess ħin, l-UE tissottolinja l-interess tagħha li tikkoopera mal-Marokk f'setturi ewlenin ta' interess reċiproku b'potenzjal għall-investiment u l-kummerċ, sabiex tikkontribwixxi għall-integrazzjoni ekonomika u l-iżvilupp sostenibbli tal-Marokk. F'dan il-kontest, u abbażi tal-għarfien espert tagħha, l-UE tafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tagħha li tappoġġa l-isforzi tal-Marokk biex juża infrastruttura strateġika, b'mod partikolari fl-oqsma tat-trasport, it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, fi sħubija mas-settur privat Ewropew u fil-qafas tal-Fond ta' Investiment Mohammed VI. L-UE tilqa' l-progress tal-Marokk fit-titjib tal-klima tan-negożju u tal-investiment u tħeġġeġ lill-Marokk ikompli b'din id-dinamika pożittiva, b'mod partikolari permezz ta' proċeduri trasparenti u simplifikazzjoni amministrattiva.
21. Mil-lat soċjoekonomiku, l-isfidi għandhom sinifikanti, b'mod partikolari fil-qasam tal-impjiegi, speċjalment tan-nisa u ż-żgħażaġh, kif ukoll f'dak li jirrigwarda t-tnaqqis tad-disparitajiet territorjali u soċjali. F'dan il-kontest, il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Marokk għandha, bħala prijorità, issaħħa il-kompetittività ekonomika u d-diversifikazzjoni ekonomika taż-żewġ sħab, sabiex tagħmilhom aktar inklużivi, reżiljenti u sostenibbli. L-UE tilqa' l-kwalità tas-sħubija fl-integrazzjoni taż-żgħażaġh, l-impjiegi, l-intraprenditorija u l-iżvilupp tal-kompetenzi u t-taħriġ, u ser tkompli tappoġġa l-opportunitajiet għaż-żgħażaġh u l-inklużjoni soċjoekonomika tagħhom. L-UE ser iżżomm approċċ integrat li jimmobilizza l-edukazzjoni, it-taħriġ professjonali, l-edukazzjoni għolja u r-riċerka u l-innovazzjoni, biex tiżviluppa kapital uman adattat għas-suq tax-xoġhol Marokkin u f'konformità mal-oġġettivi tas-Sħubija għat-Talenti.
22. Fir-rigward tal-protezzjoni soċjali, il-Marokk kompla bi sforzi sinifikanti biex jiżdedu l-aċċess u l-kwalità tas-servizzi soċjali u biex jiżviluppa mekkaniżmi ta' protezzjoni. L-UE ser tkompli

tappoġġa r-riformi soċjali tal-Marokk bl-għan tal-inklużjoni soċjali u l-aċċess għas-servizzi soċjali għal kulħadd, inkluż għat-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u li jgħixu f'żoni żvantaġġati.

23. Filwaqt li tirrikonoxxi li s-saħħa tal-popolazzjoni hija fattur determinanti tal-produttività, il-kompetittività ekonomika u t-tkabbir sostenibbli, l-UE tissottolinja li l-investment fis-saħħa huwa lieva ewlenija għall-iżvilupp tal-kapital uman u l-prosperità fit-tul. F'dan ir-rigward, l-UE tissottolinja l-importanza li jissaħħu sistemi tas-saħħa effettivi, reżiljenti u finanzjarjament sostenibbli, b'enfasi fuq il-kapaċità li jiġi evitat, identifikat u indirizzat il-mard komunikabbli, kif ukoll li tiġi promossa s-saħħa u l-kura tas-saħħa primarja ta' kwalità, sabiex jitnaqqas il-piż tal-mard li jista' jiġi evitat u l-impatti soċjoekonomiċi tiegħu. L-UE tappoġġa l-isforzi tal-Marokk biex jiżgura aċċess universali, ekwu u affordabbli għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità, u b'hekk jikkontribwixxi għall-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi u t-titjib tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol.
24. L-UE tilqa' l-kooperazzjoni doganali tajba stabbilita matul is-snin mal-Marokk. L-UE tilqa' r-rieda tal-Marokk li jirratifika fil-futur qarib il-Konvenzjoni Pan-Ewro-Mediterranja riveduta, bħala simbolu tal-integrazzjoni aktar fil-fond tar-Renju fir-reġjun Pan-Ewro-Mediterranju.
25. Fil-qasam agrikolu, l-UE tinsab lesta li tapprofondixxi r-relazzjoni bilaterali u terġa' tibda d-djalogu dwar kwistjonijiet ta' interess komuni. Il-kooperazzjoni msaħħa fis-settur tal-materja prima, b'mod partikolari l-fertilizzanti, ittejjeb l-affidabbiltà tal-provvista, tippromwovi l-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur sostenibbli u reżiljenti, tnaqqas id-dipendenza fuq is-swieq dinjija u trawwem agrikoltura aktar ekoloġika fl-Unjoni, filwaqt li tappoġġa l-oġġettivi tal-Marokk fil-qasam tat-tranżizzjoni ekoloġika u tal-esportazzjoni. Barra minn hekk, l-UE tqis li tali kooperazzjoni tista' tappoġġa t-tranżizzjoni lejn produzzjoni agrikola aktar sostenibbli u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent, skont l-oġġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u ż-żieda fl-esportazzjonijiet, kemm tal-UE kif ukoll tal-Marokk.
26. Konxja mill-isfidi attwali u futuri, kif ukoll tal-ħtieġa li jinħolqu opportunitajiet ta' benefiċċju reċiproku, l-UE tinsab lesta li taħdem flimkien mal-Marokk biex tippromwovi infrastrutturi diġitali siguri u affidabbli, tiżviluppa l-ekonomija tad-data u tal-intelliġenza artifiċjali fil-Marokk, inkluż permezz tal-varar ta' infrastrutturi tad-data u tal-informatika u l-ħolqien ta' ċentri tal-IA u tal-innovazzjoni diġitali, u tappoġġa l-użu ta' servizzi pubbliċi diġitali u soluzzjonijiet ta' infrastruttura pubblika diġitali u interoperabbli mas-sistemi tal-Istati Membri tal-UE, f'konformità mal-Istrateġija Diġitali Internazzjonali għall-UE, u l-Istrateġija Marokk Diġitali 2030.
27. L-UE tilqa' l-kwalità tal-kooperazzjoni mal-Marokk fil-qasam tat-trasport. L-UE tilqa' d-djalogu kostruttiv fil-Komitat Konġunt UE-Marokk tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni, li sar fit-12 ta' Settembru 2025.

### ***Sħubija ekoloġika u ġlieda kontra t-tibdil fil-klima***

28. L-UE tilqa' l-implimentazzjoni tas-Sħubija Ekoloġika mal-Marokk, konkluzja fl-2022, li tipprovdi qafas għall-kooperazzjoni dwar il-klima, l-ambjent u l-enerġija u li tippromwovi l-iżvilupp tal-ekonomija ekoloġika u blu. L-UE tibqa' impenjata li tkompli u tapprofondixxi l-implimentazzjoni tagħha flimkien mal-Marokk, b'mod partikolari permezz tal-involvement regolari fi djalogu fil-livell tekniku u politiku adatt, sabiex tiġi ffaċilitata u tissaħħaħ il-kooperazzjoni fit-tul dwar dawn il-kwistjonijiet.
29. L-UE tissottolinja wkoll li s-suċċess sħiħ tas-Sħubija Ekoloġika jiddependi fuq il-mobilizzazzjoni tas-settur privat u qafas regolatorju adegwat, kif ukoll fuq l-azzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi. L-UE tqis lill-Marokk bħala sieħeb strateġiku fit-tranżizzjoni tal-enerġija, b'mod partikolari fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli. F'dan il-kuntest, l-UE ser timmira li tippromwovi mal-Marokk klima ta' investment stabbli, prevedibbli u trasparenti sabiex jiġu ffaċilitati s-sħubijiet industrijali u teknoloġiċi bejn il-kumpaniji Ewropej u daww Marokkini, b'mod partikolari fis-setturi tat-teknoloġiji sikuri u sostenibbli, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluż għall-produzzjoni tal-idroġenu, in-networks intelliġenti, il-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika.
30. Fil-qasam tal-adattament għat-tibdil fil-klima, l-UE biħsiebha ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-Marokk billi tiffoka fuq il-ġestjoni integrata u sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma, il-ġlieda kontra n-nixfa u t-titjib tal-informazzjoni dwar il-klima u s-sistemi ta' twissija bikrija, b'kunsiderazzjoni debita għall-impatti attwali u futuri tat-tibdil fil-klima fuq is-saħħa tal-bniedem. Dan l-impenn ser ikun akkumpanjat mill-promozzjoni ta' Prattiki agrikoli u tal-forestrija sostenibbli, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u azzjonijiet favur il-biodiversità biex jikkontribwixxu għall-prevenzjoni, it-tnaqqis u l-kontroll tar-riskji għas-saħħa marbuta mat-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, l-UE trid tapprofondixxi l-kooperazzjoni fil-qasam tal-ekonomija ekoloġika u blu, inkluż billi tappoġġa l-iżvilupp tal-ekonomija ċirkolari tul il-ktajjen tal-valur. L-UE tilqa' wkoll l-isforzi tal-Marokk biex jiddekarbonizza l-industrija tiegħu. L-UE ser timmira li tapprofondixxi d-djalogu mal-Marokk dwar il-mekkaniżmi tal-ipprezzar tal-karbonju, inkluż dwar it-trasport internazzjonali. L-UE hija lesta wkoll li tappoġġa lill-Marokk fl-iżvilupp ta' miżuri relatati mal-parteċipazzjoni tiegħu fis-swieq tal-karbonju, fost l-oħrajn permezz tal-adozzjoni ta' sistema ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika u l-iżvilupp ta' strateġiji relatati mal-perkorsi għat-tnaqqis tal-gassijiet serra.
31. Permezz ta' din il-kooperazzjoni bilaterali, l-UE ser taġixxi b'mod koerenti u komplementari għalkollox mal-proċessi internazzjonali u ser issaħħaħ il-politiki u l-istrateġiji tagħha, b'mod partikolari l-"Patt Ekoloġiku Ewropew", il-"Boxxla għall-Kompetittività" u l-"Patt għal Industrija Nadifa", li s-suċċess tagħhom jiddependi wkoll fuq kooperazzjoni mill-qrib ma' sħab tal-istess fehma, bħall-Marokk.
32. Għaxar snin wara l-adozzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, l-UE tilqa' l-fatt li dan il-qafas multilaterali għen biex jidderieġi l-ekonomija globali lejn tranżizzjoni sostenibbli u reżiljenti. Madankollu, jeħtieġ li tiġi aċċellerata l-azzjoni klimatika globali. Huwa imperattiv li tiżdied l-ambizzjoni, speċjalment għall-pajjiżi emittenti ewlenin. L-UE tilqa' l-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC) il-ġdid 3.0 u l-ambizzjoni oġġla meta mqabbel mal-NDC preċedenti. L-UE tinsab lesta li tappoġġa lill-Marokk fl-implimentazzjoni tal-NDC 3.0 tiegħu. Din il-kooperazzjoni ser tgħin

ukoll biex jinħolqu opportunitajiet ekonomiċi ġodda u impjegi ta' kwalità fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran.

33. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-qafas ambizzjuż tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) għal emissjonijiet zero netti, ibbażat fuq data xjentifika. L-UE hija lesta li timpenja ruħha b'mod kostruttiv mal-Marokk biex tikkonsolida l-progress li sar s'issa f'dan il-kuntest u biex tkompli d-diskussjonijiet dwar il-Ftehim taħt l-awspiċċi tal-OMI fi żmien debitu.
34. Il-ġestjoni tajba tar-riżorsi naturali tal-baħar tibqa' prijorità għall-UE, inkluż f'termini ta' ġestjoni sostenibbli, trasparenti u bbażata fuq ix-xjenza. L-UE tilqa' l-kwalità tal-kooperazzjoni mal-Marokk dwar is-sajd u t-tnejniet li għaddejnin għall-ftuħ li jmiss tan-negozjati dwar ftehim ġdid ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli.

### ***Rabtiet bejn il-popli, żgħażaġh, riċerka, innovazzjoni, edukazzjoni u kultura***

35. L-UE tesprimi l-intenzjoni tagħha li tkompli tapprofondixxi r-rabtiet storiċi b'saħħithom bejn l-UE u l-Marokk, b'mod partikolari fis-setturi kulturali, fl-oqsma taż-żgħażaġh, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, anke fir-rigward tal-Patt il-ġdid għall-Mediterran.
36. L-UE ser tkompli bl-isforzi tagħha biex tassoċja lill-Marokk mal-programmi u l-inizjattivi Komunitarji. L-UE tilqa' l-parteċipazzjoni attiva tal-Marokk fid-dimensjoni internazzjonali tal-programm Erasmus+, li jappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-universitajiet, iċ-ċentri ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, Marokkini u Ewropej, kif ukoll il-mobbiltà tal-istudenti, l-għalliema u ż-żgħażaġh. L-UE tteġġeg it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet Marokkini fit-tfassil ta' proġetti, f'konformità mal-oġettivi nazzjonali tagħha.
37. L-UE tilqa' l-konklużjoni, fit-8 ta' Settembru 2025, tan-negozjati dwar iż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-Marokk fil-programm "Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran" (PRIMA) għall-perjodu 2025-2027. L-UE tqis dan il-pass bħala stadju importanti fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni xjentifika bejn il-Marokk u l-UE, u fil-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli, l-innovazzjoni u l-istabbiltà reġjonali permezz tad-diplomazija dwar ix-xjenza, ir-riċerka konġunta u l-ġestjoni integrata tar-riżorsi.
38. L-UE tilqa' l-parteċipazzjoni sinifikanti ħafna tal-Marokk fil-programm Orizzont Ewropa, u tteġġeg it-tisħiħ ta' din il-parteċipazzjoni mill-entitajiet ta' riċerka, l-universitajiet u l-impriżi għall-programmi ta' ħidma 2026-2027 li jmiss. In-naħa Ewropea tibqa' miftuħa għall-possibbiltà li jissoktaw u jiġu ffinalizzati n-negozjati dwar assoċjazzjoni mal-Programm Orizzont Ewropa, jekk il-kundizzjonijiet jippermettu.

39. Bħala ben pubbliku globali, il-kultura hija pilastru essenzjali tas-sħubija bejn l-UE u l-Marokk u hija kompletament konformi mal-ambizzjoni tal-Patt għall-Mediterran. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għall-promozzjoni ta' valuri komuni, ibbażati fuq ir-rispett għad-diversità, il-libertà kulturali, id-djalogu u l-iskambju, bil-ħsieb li jissaħħaħ il-fehim reċiproku u li tibni mal-Marokk żona kulturali Mediterranja dinamika, miftuħa u innovattiva. Permezz tal-kooperazzjoni kulturali, inkluż il-protezzjoni u t-titjib tal-wirt kulturali, l-UE għandha l-għan li trawwem il-koeżjoni bejn is-soċjetajiet, thegġegħ liż-żgħażaġħ u lis-soċjetà ċivili, u tibni pontijiet sostenibbli.

### ***Mobbiltà u migrazzjoni***

40. L-UE tfakkar fl-importanza kbira li tagħti lill-kooperazzjoni mal-Marokk dwar il-ġestjoni u l-governanza tal-migrazzjoni, fil-qafas ta' approċċ komprensiv, ibbilanċjat u ta' benefiċċju reċiproku, f'konformità mad-dritt internazzjonali, id-drittijiet tal-bniedem, l-acquis u l-prinċipji komuni tas-sħubija u l-kompetenzi rispettivi tal-UE u l-Istati Membri tagħha. L-UE tissottolinja l-importanza tal-impenn tal-Marokk fil-qasam tal-ġestjoni u l-governanza tal-migrazzjoni, u tafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tagħha li ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mar-Renju bħala parti minn approċċ komprensiv għall-migrazzjoni u l-mobbiltà. L-UE thegġegħ l-issoktar ta' Djalogu ta' Livell Għoli regolari, sinċier u miftuħ, inkluż biex jiġu indirizzati flimkien kwistjonijiet kumplessi.

41. L-UE tissottolinja li l-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni mal-Marokk tikkostitwixxi qafas sod u thegġegħ lill-Marokk iżid din il-kooperazzjoni abbażi tal-esperjenzi pożittivi u ta' benefiċċju reċiproku diġà miksuba. L-UE tenfasizza l-progress miksub bit-tisħiħ konġunt tal-isforzi għall-prevenzjoni tal-immigrazzjoni irregolari, b'mod partikolari permezz tal-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin, iż-żarmar tan-networks u l-istrutturar ta' kanali ta' migrazzjoni legali u mobbiltà ċirkolari skont il-kompetenzi nazzjonali.

42. L-UE tissottolinja li l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, is-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri, il-kooperazzjoni dwar ir-ritorn u r-riammissjoni, it-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, kif ukoll il-protezzjoni tal-persuni kkonċernati, inkluż permezz ta' azzjonijiet ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji, jibqgħu prijoritajiet u responsabbiltajiet komuni u essenzjali. L-UE tafferma mill-ġdid ukoll l-impenn tagħha li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil (SNIA) tal-Marokk u qed issegwi b'interess l-iżviluppi dwar l-adozzjoni tal-liġijiet dwar il-migrazzjoni u l-ażil previsti f'dan il-qafas.

43. L-UE tenfasizza l-mobbiltà legali fl-ambitu tas-Sħubija għat-talenti, b'mod partikolari għall-professionisti li jaħdmu f'setturi li qed jiffaċċaw nuqqas ta' ħaddiema, u l-istrutturar tal-perkorsi tal-migrazzjoni legali, f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali. L-UE tirrikonoxxi l-importanza ta' programmi ta' migrazzjoni ċirkolari, b'mod partikolari għall-istudenti, iż-żgħażaġħ attivi u l-voluntiera żgħażaġħ, b'attenzjoni partikolari għall-profilu speċjalizzati fis-setturi diġitali u teknoloġiċi, inkluż permezz ta' programmi ta' skambju bejn l-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka u l-impriżi tat-teknoloġija. L-UE tissottolinja l-importanza tal-promozzjoni ta' Prattiki ta' reklutaġġ

ġusti u t-tisħiħ ta' mekkaniżmi ta' informazzjoni u gwida ta' qabel it-tluq għall-ħaddiema migranti, biex tiġi żgurata mobbiltà sikura u ta' suċċess, f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali.

44. L-UE tfakkar fl-obbligu tal-Istati li jilqgħu liċ-ċittadini tagħhom stess u ttenni r-rieda tagħha li ssaħħa u tapprofondixxi l-kooperazzjoni fil-livelli kollha, inkluż dwar l-identifikazzjoni, ir-ritorn u r-riammissjoni, b'mod komplementari għall-kooperazzjoni bilaterali bejn il-Marokk u l-Istati Membri tal-UE.
45. L-UE tissottolinja wkoll l-importanza li tissaħħa il-kooperazzjoni mal-aġenziji tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil.

### ***Sigurtà, Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Ġustizzja, Prevenzjoni tal-Estremiżmu Vjolenti u Għlied Kontra t-Terroriżmu***

46. L-UE u l-Marokk jiffaċċaw sfidi komuni mil-lat tas-sigurtà li jeħtieġu impenn konġunt imġedded u azzjonijiet koordinati b'rispett sħiħ tal-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji fundamentali, minqax fid-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju.
47. L-UE tilqa' l-ewwel Djalogu ta' Livell Għoli dwar is-Sigurtà f'Rabat fit-8 ta' Mejju 2024, li jimmarka pass importanti fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Marokk għall-iskambju dwar kwistjonijiet ta' sigurtà ta' interess komuni u tissottolinja l-valur li dan l-eżerċizzju jsir fuq bażi regolari.
48. L-UE tesprimi wkoll l-interess tagħha fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Marokk fil-promozzjoni tal-kontroll tal-armi, in-nonproliferazzjoni u d-diżarm, u fl-iffaċilitar tal-iskambji interreġjonali bejn l-UE, ir-reġjun tan-Nofsinhar tal-Mediterran u l-kontinent Afrikan dwar in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-kontroll tal-esportazzjoni.
49. L-UE tippromwovi approċċ għall-għlied kontra t-terroriżmu bbażat fuq il-ġustizzja kriminali, filwaqt li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. L-UE tilqa' l-impenn tal-Marokk fil-għlied kontra t-terroriżmu u l-parteċipazzjoni u l-kooperazzjoni tal-esperti Marokkini fil-programmi tal-UE, li jsaħħu l-iskambji bejn l-Unjoni u s-sħab tagħha dwar dawn il-kwistjonijiet. L-UE tittama li din il-kooperazzjoni tkompli u tissaħħa fil-futur. L-UE tilqa' wkoll il-kontributi siewja tal-Marokk għall-isforzi internazzjonali kontra t-terroriżmu, b'mod partikolari fi ħdan il-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu (GCTF) u l-istituzzjonijiet affiljati tiegħu, inkluż il-ħidma attiva tal-Marokk mal-Istitut Internazzjonali għall-Ġustizzja u għall-Istat tad-Dritt (IJI) u l-appoġġ tiegħu għalih. L-UE tixtieq b'mod partikolari li l-Marokk ikun jista' jappoġġa s-sessjonijiet ta'

ħidma mhux biss bħala parteċipant, iżda wkoll bħala ħarriegħ, sabiex jaqsam l-esperjenza u l-għarfien espert tiegħu f'approċċ Nofsinhar-Nofsinhar.

50. L-UE tissottolinja l-importanza tal-kwistjonijiet tar-radikalizzazzjoni, l-estremiżmu vjolenti, id-deradikalizzazzjoni, ir-riabilitazzjoni u r-riintegrazzjoni soċjali. L-UE tilqa' l-isforzi tal-Marokk fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti permezz tal-istituzzjonijiet speċjalizzati tiegħu, kif ukoll il-kooperazzjoni maċ-Ċentru ta' Għarfien tal-UE dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni. L-UE tittama li tappfondixxi u twessa' din il-kooperazzjoni ma' diversi istituzzjonijiet Marokkini fid-diversi panels tematiċi taċ-Ċentru tal-Għarfien.
51. L-UE tilqa' l-konklużjonijiet tal-inizjattiva Edu4PCVE, immexxija b'mod konġunt mal-Marokk fil-qafas tal-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu (GCTF). L-edukazzjoni hija għodda fundamentali fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti li jwassal għat-terroriżmu. L-UE tilqa' l-faġi ta' implimentazzjoni li jmiss u tistieden lill-Marokk jaħdem mal-UE f'dan ir-rigward.
52. L-UE tfakkar li l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali teħtieġ livell għoli ta' ċertezza legali. L-UE tħeġġeġ lill-Marokk jipparteċipa fl-oqfsa internazzjonali multilaterali stabbiliti fil-qasam tal-assistenza legali reċiproka, b'mod partikolari dik żviluppata mill-Kunsill tal-Ewropa.
53. Sabiex tindirizza b'mod effettiv l-isfidi komuni, u bħala parti mill-iżvilupp tas-šhubija strateġika mal-Marokk, l-UE tappoġġa t-tiħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-livell operazzjonali mal-aġenziji u l-korpi tal-UE. F'dan il-kuntest, l-UE tqis li huwa essenzjali li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-livell operazzjonali mal-aġenziji u l-korpi tal-UE, b'mod partikolari permezz ta' ftehim internazzjonali dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja mal-Eurojust u arranġament ta' ħidma mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, kif ukoll kooperazzjoni dwar l-assistenza legali reċiproka u l-irkupru tal-assi, inkluż l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat u l-mezzi strumentali tal-kriminalità. L-UE tikkonferma r-rieda tagħha li tappfondixxi l-kondiviżjoni tal-esperjenza dwar il-qafas leġiżlattiv fl-oqsma tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, il-ġustizzja u l-protezzjoni tad-data personali. L-UE qed issegwi mill-qrib l-iżviluppi u r-riformi tal-qafas leġiżlattiv Marokkin, li għandu jsaħħaħ l-effikaċja operazzjonali fl-assistenza legali reċiproka u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, b'mod partikolari fir-rigward tal-irkupru tal-assi, inkluż l-iffriżar u l-konfiska tar-rikavat u l-mezzi strumentali tal-kriminalità, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali rilevanti.
54. L-UE tissottolinja wkoll l-importanza ta' djalogu msaħħaħ dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ġlieda msaħħa kontra l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali, filwaqt li jiġu rispettati l-oqfsa legali u istituzzjonali ta' kull Parti. F'dan il-kuntest, l-UE tħeġġeġ lill-awtoritajiet jinvolve ruħhom fi djalogu mal-Europol, bl-għan li jiġu esplorati forom possibbli ta' kooperazzjoni kif ukoll biex tiġi intensifikata l-kooperazzjoni tagħhom mas-CEPOL u l-Aġenzija tal-UE dwar id-Drogi fil-qafas tal-proġett EU4Monitoring Drugs.

### ***Konklużjoni***

55. L-UE tafferma mill-ġdid l-interess fundamentali tagħha fil-promozzjoni ta' sħubija komprensiva, privileġġata, ambizzjuża, sostenibbli u ta' benefiċċju reċiproku mal-Marokk, u l-impenn tagħha li tiddjaloga regolarment mal-awtoritajiet Marokkini biex tindirizza kwistjonijiet strateġiċi għaż-żewġ partijiet.
56. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jirrappreżenta opportunità biex issir enfasi fuq il-futur tas-sħubija bejn l-UE u l-Marokk, b'attenzjoni fuq l-oqsma ewlenin ta' interess reċiproku għas-snin li ġejjin. Fil-livell bilaterali, l-UE beħsiebha tenfasizza l-kwistjonijiet ewlenin tal-migrazzjoni, ir-ritorn, il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, l-edukazzjoni u r-riċerka, it-taħriġ, l-impjiegi - b'mod partikolari taż-żgħażaġh - u l-kompetittività tan-negozji. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-promozzjoni tal-investment, l-isfidi għall-enerġija u l-interkonnessjonijiet tal-enerġija, il-klima kummerċjali, l-appoġġ għan-negozji u l-SMEs Ewropej, u l-promozzjoni ta' infrastruttura diġitali sigura u affidabbli. Fil-livell dinji, l-UE tixtieq b'mod partikolari ssaħħaħ il-kooperazzjoni dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.
57. Din is-sħubija għandha tikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni ta' ordni internazzjonali tirrispetta l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem. F'dan il-kuntest, l-UE ser tibqa' impenjata flimkien mal-Marokk biex tagħmel l-aħjar użu mill-prossimità ġeografika u umana li torbothom flimkien.